# Aħbar Tajba



Atti 2, 1-11
Salm 103 (104), 1ab.24aċ.29bċ-31.34
1 Kor 12, 3b-7.12-13
Ġw 20, 19-23

"Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, **hekk jien nibgħat lilkom."**

Illum se nibdew bi ftit mistoqsijiet. L-ewwel nett, qatt mort ittajjar tajra? Kemm ikunu sbieħ meta jibdew jogħlew kollha kuluri 'il fuq f'sema kaħlani! Imma xi jżomm dan it-tajr jogħla fl-ajru? Żgur li tafu li dak li jżomm dan kollu huwa r-riħ. Issa l-aħħar mistoqsija. Hawn xi ħadd li qatt ra r-riħ? Mistoqsija ftit stramba, hux vera?! Ħadd minna ma jista' jarah ir-riħ, għax hu inviżibbli. Imma allura kif nafu li qiegħed hemm? Ir-riħ nindunaw bih mhux għax naraw lilu imma għax naraw l-effetti tiegħu. Siġar jiċċaqalqu, xi pinnur idur, u xi drabi tisimgħu ivenven u jsaffar ukoll. Fl-aħħar nett hemm mod ieħor kif nindunaw bir-riħ, billi nħossuh. Mela għalkemm għal għajnejna r-riħ hu inviżibbli, imma ħafna drabi naraw l-effetti tiegħu, nisimgħuh u jekk noqogħdu attenti nħossuh ukoll.

Illum il-Knisja tiċċelebra festa kbira oħra, Għid il-Ħamsin. L-Appostli kienu magħluqa flimkien x'ħin f'daqqa waħda semgħu ħoss bħal ta' riħ qawwi. Imma ma kienx xi riħ kwalunkwe li daħal għax infetħet xi tieqa bi żball, imma kien l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom. Is-silta tkompli tgħidilna li l-Appostli setgħu jaraw forom qishom tan-nar neżlin fuqhom, imma llum nixtieq li naħsbu ftit fuq ir-riħ għax l-Ispirtu s-Santu jixbah ħafna lir-riħ.

Bħar-riħ, l-Ispirtu s-Santu jidher inviżibbli għal għajnejna. Mhux se naraw xi ħamiema ttir u ngħidu: "Ara l-Ispirtu llum fejn sejjer". Anqas mhu se naraw ilsna tan-nar itiru madwarna. Għax is-Sinjur Alla ma tantx iħobb jaħdem bl-effetti speċjali. Alla ħafna drabi jaħdem fil-moħbi.

Imma jekk noqogħdu attenti nistgħu nindunaw bih. L-ewwel nett jidher mill-effett li jħalli fuq in-nies li jaħdem magħhom. Għalkemm ikollhom diffikultajiet bħalna, ma tarahomx jaqtgħu qalbhom u jinkwetaw iżżejjed. Tara l-effetti tiegħu f'nies li b'sagrifiċċju tagħhom jistinkaw biex jgħinu lill-proxxmu tagħhom jew inkella f'dawk li jaħfru lil min ikun naqashom. Tarah ukoll f'tant nies li jiddedikaw ħajjithom biex iwasslu l-Evanġelju lill-oħrajn.

Imma tinsiex li l-Ispirtu ma jaħdimx biss fl-oħrajn, imma jrid jaħdem fik ukoll. Kulma rridu nagħmlu hu li nħalluh, għax l-Ispirtu s-Santu mhux se jġagħalna nagħmlu xi ħaġa li ma nixtiqux. Forsi tistaqsu kif se nħalluh jaħdem fina? Mhux diffiċli; itolbu jiġi għandek u fittex persuni li jħallu l-Ispirtu jaħdem fihom.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

DIXXIPLI, IMBEŻŻGĦA, LHUD, BIBIEN, MAGĦLUQA, SLIEM, GĦALIKOM, FERĦU, NIBGĦAT, LILKOM, MAĦFURA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | D | I | X | X | I | P | L | U | T |
| D | B | I | Ż | GĦ | A | B | E | R | L |
| I | M | B | E | Ż | Ż | GĦ | A | M | E |
| T | A | I | GĦ | L | H | U | D | A | GĦ |
| W | GĦ | B | P | A | Ċ | I | I | Ħ | A |
| E | L | IE | S | F | K | A | X | F | L |
| M | U | N | I | E | B | Ħ | X | U | I |
| M | Q | S | G | R | I | B | I | R | K |
| I | A | I | U | Ħ | R | R | P | A | O |
| N | O | Ġ | T | A | A | S | L | IE | M |
| N | I | B | GĦ | A | T | D | I | F | I |
| O | R | A | Q | R | F | E | R | Ħ | U |
| L | I | L | K | O | M | L | I | L | I |

# "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, **hekk jien nibgħat lilkom.**"





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

## "Daqsxejn ħniena tagħmel lid-dinja inqas kiesħa u aktar ġusta."

Qatt kien hemm drabi fil-ġimgħat li għaddew li stajt turi ħniena lil xi ħadd li kien fil-bżonn u minflok bqajt għaddej qisu qatt ma kien xejn? Jew inkella kif indunajt bil-bżonn tajt sehmek? Qatt ma għandek titlef opportunità biex tħalli effett pożittiv fil-ħajja ta' dawk li tiltaqa' magħhom.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION